**Qorti tal-Maġistrati (Għawdex)**
**Ġurisdizzjoni Superjuri**
**Sezzjoni Ġenerali**

**Maġistrat Dottor Brigitte Sultana LL.D., LL.M (Cardiff) Adv. Trib. Eccl. Melit.**

**Illum, L-Erbgħa, 7 ta' Lulju 2021**

**Rikors Ġuramentat numru:- 74/2019BS**

**Mario Sciberras**

**-vs-**

**L-Awtorita' ta' Malta dwar it-Turiżmu**

**Il-Qorti;**

**Rat ir-rikors ġuramentat ta' Mario Sciberras illi ppremetta:**

Illi l-esponent jopera n-negozju tiegħu ta' bejgħ u kiri ta' umbrellel u sunbeds minn ġewwa r-Ramla, limiti tax-Xagħra, Għawdex.

Illi l-esponent ġie notifikat b'Avviż bin-numru MK 0105 illi fih l-istess Awtorita' ssosspendiet il-liċenzja ta' l-istess appellant li jopera n-negozju tiegħu ta' bejgħ u kiri ta' umbrellel u sunbeds; liema avviż jinsab pendenti appell.

Illi l-esponent intavola ukoll mandat t'inibizzjoni bin-numru 27/19 kontra l-istess Awtorita', liema mandat ġie milqugħ u akkordat permezz ta' digriet

mogħti mill-Maġistrat Dr. Paul Coppini, datat 6 ta' Settembru, 2019, fejn intqal illi:

> *L-Awtorita' ntimata ged topponi t-talba... fil-mertu ghaliex ir-rikorrent qieghed jikser il-kondizzjonijiet tal-licenzja mahruga minnha biex jopera attivita' turistika fil-Bajja tar-Ramla... Imma, kif irrizulta mhux kontestat, ir-rikorrent mhux jopera n-negozju ta' bejgh/kiri ta' umbrellel u sunbeds mill-bajja tar-Ramla, izda mit-triq pubblika li tikkonduci ghal bajja, ezattament fejn jipparkjaw il-vetturi. Gie ammess mix-xhieda li kienu xehdu in rapprezentanza tal-Awtorita' fi proceduri ohra, li mhux mehtieg ebda permess minghandha biex ir-rikorrenti jopera mit-triq li taghti ghall-bajja tar-Ramla. Jidher ghalhekk mad-daqqa t'ghajn li mhux il-kompitu tal-Awtorita' ntimata li zzomm lir-rikorrent milli jkompli jopera dan il-bejgh/kiri mit-triq, imma biss mill-kiosk li ghandu gewwa l-bajja.*
>
> *Ghalhekk jidher prima facie li, fic-cirkostanzi partikolari ta' dan il-kaz, ir-rekwiziti biex jinhareg Mandat ta' Inibizzjoni gew sodisfatti.*

Illi mix-xhieda tar-rappreżentanti tal-Awtorita' intimata stess f' diversi proċeduri gudizzjarji istitiwiti kemm mill-esponenti u kif ukoll minn terzi irriżulta li l-permessi għal kiri ta' umbrellel u oġġetti relatati minn ġewwa t-triq ma jaqgħux taħt il-mansjoni tal-Awtorita intimata u li mhux meħtieġ ebda permess mingħandha biex l-esponenti jopera mit-triq li tagħti għall-bajja tar-Ramla.

Illi l-Awtorita' intimata, minkejja dan kollu, ilha għal dawn l-aħħar snin tostakola lill-esponenti milli b'xi mod jeżerċita n-negozju tiegħu in vista tal-avviżi li nħarġu mill-istess Awtorita' fil-konfront tal-esponenti u b'dan il-mod qiegħda taġixxi abbużivament u illegalment għaliex mhijiex awtorizzata twaqqaf lill-attur mill-eżerċizzju tal-attivita tiegħu fuq deskritta.

Illi fl-istess waqt l-Awtorita' intimata qiegħda tippermetti lil terzi persuni sabiex jaħdmu ġewwa r-Ramla mingħajr il-permessi u rekwiżiti meħtieġa u għalhekk kwalunkwe azzjoni kontra tiegħu dan ir-rigward hija diskriminatorja.

Illi huwa ovvju li l-Awtorita' intimata qiegħda għal xi raġuni li taf biha hi biss taġevola lill-terzi persuni u fl-istess waqt tostakola lill-esponenti milli jaħdem ġewwa r-Ramla l-Ħamra, fil-limiti tax-Xagħra, Għawdex u kienet x'kienet dik ir-raġuni fiċ-ċirkostanzi hija illegali u abbużiva.

Illi l-Awtorita' intimata qed toħloq monopolju favur il-koperattiva billi qed telimina tramite l-mezzi ta' infurzar lill-kompetituri tagħha. Illi dan l-istat ta' fatt huwa illegali u mhux aċċettabbli taħt il-Liġi Maltija u Ewropea.

Illi għalhekk kellha issir din il-kawża.

**Talab lil dina l-Onorabbli Qorti**

1. Tiddikjara li l-aġir tal-Awtorita' konvenuta fil-konfront tal-attur u ċioe' li senjatament qiegħda tfixklu milli jikri l-umbrellel u sunbeds huwa abbużiv, diskriminatorju u illegali fil-konfront tiegħu.

2. Tiddikjara illi l-istess aġir jikkostitwixxi egħmil '*ultra vires*' għaliex barra li mhuwiex awtorizzat mil-Liġi huwa abbuż ta' setgħa tal-istess Awtorita' li qiegħda tabbuża mill-faċċata ta' istituzzjoni pubblika tagħha u huwa fi kwalunkwe każ irraġenevoli, imsejjes fuq konsiderazzjonijiet estranji u diskriminatorji.

3. Iżżomm lill-Awtorita' konvenuta milli b'xi mod jew ieħor tostakola, tinibixxi jew tfixkel lill-esponenti fl-operat tiegħu ta' bejgħ u kiri ta' umbrellel u sunbeds fir-Ramla, limiti tax-Xagħra, Għawdex.

4. Iżżomm lill-Awtorita' konvenuta responsabbli versu kwalunkwe dannu li ġie kkawżat lir-rikorrenti a kawża tal-għaġir abbużiv tal-istess Awtorita'.

Bl-ispejjeż, inkluż dawk tal-Mandat ta' Inibizzjoni bin-numru ta' referenza 27/2019.

**Rat ir-risposta ġuramentata ta' l-Awtorita' tat-Turiżmu ta' Malta fejn ġie eċċepit:**

1. Illi preliminarjament, jiġi rrilevat illi hemm nuqqasijiet proċedurali serji fir-rikors promotur, liema nuqqasijiet qed jinibixxu lill-Awtorita' eċċipjenti milli tiddefendi ruħha bl-aħjar mod fil-proċeduri odjerni. Minn qari tar-rikors ġuramentat hekk intavolat jirriżulta li ma ġiex dikjarat x'inhuma l-fatti u l provi li kull xhud indikat fil-lista bi ħsiebu jagħmel u dan bi ksur tal-artikolu 156(4) tal-Kodiċi ta'

Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili, Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta. Għaldaqstant, sabiex id-difiża tal-Awtorita' eċċipjenti ma tiġix severament ippreġudikata, filwaqt li qed tippreżenta din ir-risposta u tirrispondi kif l-aħjar li tista', l-Awtorita' eċċipjenti tirriserva illi tesponi ulterjorament fil-kors ta' dawn il-proċeduri wara li l-attur jindika xi provi bi ħsiebu iġib b'kull xhud;

2. Illi preliminarjament u mingħajr preġudizzju għas-suespost, bir-rispett jiġi eċċepit li din l-Onorabbli Qorti m'għandhiex il-ġurisdizzjoni u kompetenza neċessarja sabiex tisma' u tiddeċiedi din il-kawża stante illi huwa attwalment il-Bord tal-Appelli dwar it-Turiżmu li għandu l-ġurisdizzjoni neċessarja sabiex jiddeċiedi dwar il-mertu in kwistjoni;

3. Illi in linea preliminari wkoll u minghajr preġudizzju ghas-suespost, l-azzjoni tal-attur hija *fuori termine* ai termini tal-Artikolu 469A tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili, Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta, li jipprovdi terminu perentorju u għalhekk dina l-azzjoni għandha tiġi dikjarata bħala tali;

4. Illi fil-mertu u mingħajr preġudizzju għas-suespost, l-Awtorita' eċċipjenti tikkontesta t-talbiet attriċi bħala infondati fil-fatt u fid-dritt stante li ma sar xejn minnha illi jista' legalment jattira l-ħtieġa ta' reviżjoni da parti ta' din l Onorabbli Qorti;

5. Illi kuntrarjament għal dak li jisħaq l-attur fir-rikors ġuramentat tiegħu s-segwenti huma l-fatti attwali:

   i. L-attur għandu liċenzja ta' *mobile kiosk on a fixed sit*e maħruġa mill-Awtorita' eċċipjenti, liema liċenzja tkopri l-operat ta' kiosk li għandu l-attur ġewwa r-Ramla, fil-limiti tax-Xagħra, Għawdex, u ġġib in-numru ta' referenza MK/0105.

   ii. Din il-liċenzja tipprovdi li l-attur jista' jbiegħ s*oft drinks, mineral wate*r u *sna*cks biss minn dan il-*kiosk.*

   iii. L-Awtorita' infurmat lill-attur li l-liċenzja ġiet sospiza stante li l-Awtorita' tal-Ippjanar ħarġet Avviż ta' Twaqqif u ta' Twettiq, li jġib

in-numru EC/00052/16, in konnessjoni mal-*kiosk de quo* u għaliex skont l-istess Awtorita' tal-Ippjanar l-attur għandu żvilupp mingħajr permess fi proprjeta' skedata.

iv. Sussegwentement l-attur appella minn din id-deċiżjoni quddiem il-Bord tal-Appelli dwar it-Turiżmu, liema appell jinsab differit sabiex l-istess Bord jagħti d-deċiżjoni relattiva rigward l-istess. Peress li l-proċeduri għadhom pendenti, l-effetti tad-deċiżjoni tal-Awtorita' eċċipjenti fejn ordnat is-sospensjoni tal-liċenzja in kwistjoni ġew sospiżi sakemm ikun hemm deċiżjoni rigward l-istess.

v. Sussegwentement, l-attur instab li kien qiegħed imur *oltre* minn dak li tipprovdi l-liċenzja li kellu, stante li irriżulta li l-attur kien qiegħed jikri l-umbrellel u *sunbed*s mill-istess *kio*sk mingħajr ma kellu l-liċenzja necessarja mingħand l-Awtorita' eċċipjenti li tippermettilu jagħmel dan minn din l-istess *kio*sk. Dan wassal biex sussegwentment l-Awtorita' esponenti ħarġet avviż ta' infurzar fil-konfront tal-attur li jġib in-numru ta' referenza EN/004/19/G sabiex l-attur jieqaf milli jkompli jikri l-umbrellel u siġġijiet mingħajr ma jkollu fi pussess tiegħu liċenzja maħruġa mill-Awtorita' esponenti.

vi. L-attur appella minn din id-deċiżjoni ukoll quddiem il-Bord tal-Appelli dwar it-Turiżmu, liema proċeduri jinsabu pendenti.

vii. Wara li nħareġ l-Avviż ta' Infurzar hawn msemmi, l-attur beda jikri l-umbrellel u s*unbed*s minn ġewwa vettura sitwita fir-Ramla u dan mingħajr ma għandu fi pussess tiegħu liċenzja maħruġa mill-Awtorita' eċċipjenti sabiex ikun jista' jopera l-istess.

6. Illi l-Awtorita' eċċipjenti mxiet skont il-liġi u fil-parametri tal-istess u dejjem aġixxiet korrettement. *In oltr*e, l-aġir tal-Awtorita' eċċipjenti ma jikkostitwixxi l-ebda forma ta' abbuż tas-setgħa mogħtija lilha u dan speċjalment meta l attur m'għandux fil-pussess tiegħu l-permessi neċessarji mill-Awtorita' eċċipjenti sabiex jikri umbrellel u *sunbeds* fir-Ramla, limiti tax-Xagħra, Għawdex la mill-*kio*sk u anqas minn ġewwa vettura;

7. Illi l-attur ma jistax jippretendi li jintavola proċeduri bħal dawk odjerni fejn jitlob lil din l-Onorabbli Qorti iżomm lill-Awtorita' eċċipjenti milli qatt ma tkun tista' tieħu azzjoni kontra tiegħu f'każ li huwa ikun qiegħed jaġixxi bi ksur tal-liġijiet tagħha, liema talbiet jagħtu lok għall-abbuż f'każ li din l-Onorabbli Qorti tiddeċedi li tilqa' l-istess u liema dan jista' jkollu konsegwenzi serjissimi u dan kif ser jiġi aħjar spjegat tul il-proċediment ta' din il-kawza;

8. Illi għal dak li jirrigwarda ir-raba' talba tal-attur, l-Awtorita' eċċipjenti m'hi responsabbli għal ebda danni u dan stante li l-attur ma sofra ebda danni, anzi baqa' jopera u dan in vista li dina l-Onorabbli Qorti kif diversament preseduta iddeċidiet, fl-umili fehma tal-eċċipjenti b'applikazzjoni żbaljata tal-Liġi, li tilqa' l-mandat ta' inibizzjoni intavolat mill-attur nonostante li l-attur naqas serjament milli jissodisfa l-kriterji kollha neċessarji sabiex mandat ta' inibizzjoni jigi milqugħ;

9. Illi għalhekk it-talbiet tal-attur għandhom jiġu miċħuda fl-intier tagħhom bħala infondati kemm fil-fatt u kif ukoll fid-dritt;

10. Salv eċċezzjonijiet ulterjuri oħra li jistgħu jingħataw fil-prosegwiment tal-każ, partikolarment iżda mhux limitatament meta l-attur jirregola l-posizzjoni tiegħu a rigward il-lista tax-xhieda;

Bl-ispejjeż kontra l-attur, inkluż tal-mandat ta' inibizzjoni li jġib in-numru ta' referenza 27/2019, li qiegħed jiġi inġunt in subizzjoni.

Rat id-digriet tagħha tas-6 ta' Diċembru 2019 fejn laqgħet it-talba tal-attur u ordnat l-allegazzjoni tal-atti tal-Mandat ta' Inibiizzjoni Numru 27/2019 fl-ismijiet premessi.

Rat l-atti kollha illi ġew allegati.

Rat l-atti kollha tal-kawża.

Semgħet it-trattazzjoni finali tal-partijiet kollha.

Rat illi l-kawża tħalliet għas-sentenza ghal-lum limitatament dwar it-tieni u t-tielet eċċezzjoni preliminari sollevati mill-Awtorita' intimata.

**Ikkunsidrat**

Permezz tat-tieni eċċezzjoni, l-Awtorita' intimata qegħdha teċċepixxi li din il-Qorti kif adita m'għandiex il-ġurisdizzjoni sabiex tisma u tiddeċiedi dwar l-ilment tal-attur dan għaliex huwa l-Bord dwar it-Turiżmu li ai termini tal-Artikolu 14 tal-Kap 409 huwa munit bil-ġurisdizzjoni sabiex jissindika d-deċiżjonijiet tal-Awtorita` intimata.

In retroxena jirriżulta illi l-attur huwa kopert b'liċenzja maħruġa mill-Awtorita` intimata "*to sell soft drinks, mineral water and snacks at fixed kiosk at Ramla Bay*". B'Avviż ta' Infurzar datat 23 ta' Lulju 2019 l-Awtorita` intimata ħarrket lill-attur stante illi minn indaġni li għamlet irriżulta illi l-attur kien qiegħed jikri sodod għax-xemx u umbrellel bi ksur tal-kundizzjonijiet tal-liċenzja maħruġ favur tiegħu.

L-attur interpona appell minn din id-deċiżjoni quddiem il-Bord tal-Appelli dwar it-Turiżmu liema appell jirriżulta għadu pendenti. Fil-kuntest ta' dawk il-proċeduri l-attur attakka d-deċiżjoni tal-Awtorita` intimina fuq il-bażi li din id-deċiżjoni hija *ultra vires* il-poteri tal-Awtorita' u talab għalhekk illi d-deċiżjoni tal-Awtorita` intimata tiġi riveduta.

Permezz tal-azzjoni odjerna l-attur qiegħed jattakka d-deċiżjoni tal-Awtorita` abbażi tal-fatt illi skont hu tali aġir fil-konfront tiegħu huwa abbużiv u diskriminatorju stante illi l-kiri tal-umbrellel u soddod għax-xemx qiegħed isir mit-triq pubblika u mhux mill-kiosk. Jgħid għalhekk illi ġaladarba l-Awtorita` intimata m'għandha ebda ġurisdizzjoni fuq in-negozju li jsir mit-triq, id-deċiżjoni tagħha meta ħareġ avviż ta' infurzar fil-konfront tal-attur kienet *ultra vires* il-poteri tal-istess Awtorita'.

Fil-kuntest ta' dawn il-proċeduri l-attur ikkonferma li huwa minnu li qiegħed jikkonduċi negozju konsistenti fost l-oħrajn fil-kiri ta' umbrellel u sodod għax-xemx. Jikkontesta bħala inveritjiera l-allegazzjoni tal-Awtorita' intimata dwar il-fatt li n-negozju qiegħed isir mill-*fixed kiosk*. Jgħid li dan in-negozju qiegħed isir minn trakk li jkun fit-triq illi tagħti għar-Ramla l-Ħamra. Dan l-istess argument tressaq ukoll fir-rikors t'appell intavolat mill-attur quddiem il-Bord dwar l-Appell għat-Turiżmu.

Mill-mod ta' kif ġew impustati l-premessi u t-talbiet huwa evidenti illi l-azzjoni odjerna hija limitata għall-aġir tal-Awtorita' intimata meta din

waqqfet l-attivita' tal-attur li qiegħda ssir mit-triq. L-attur ħalla kompletament barra kull kwistjoni oħra li tista' tolqot il-kiosk u n-negozju li jikkonduċi minnha. Hekk sar ukoll fir-rikors t'appell quddiem il-Bord tal-Appelli dwar it-Turiżmu.

L-attur jargumenta illi ġa ladarba l-Awtorita` intimata m'ghandha ebda awtorita' fuq attivitajiet li jsiru f'toroq li mhumiex klassifikati bħala turistiċi, allura lanqas il-Bord tal-Appelli dwar it-Turiżmu m'għandu l-awtorita' sabiex jisma' l-appell tal-attur mid-deċiżjoni tal-Awtorita` imsemmija.

Din is-sentenza hija waħda preliminari limitata li tagħti pronunzjament dwar it-tieni u t-tielet eċċezzjoni biss u għalhekk il-Qorti trid timxi b'ċirkospezzjoni sabiex tevita li tiżbilanċja ruħha dwar il-mertu tal-kwistjoni. Il-Qorti għalhekk mhux ser tinoltra dwar jekk l-Awtorita` hijiex vestita bil-poter li twaqqaf negozju li qiegħed jiġi mmexxi minn triq. Semmai ikun il-każ din il-kwistjoni għandha tiġi trattata fi stadju ulterjuri u wara li l-partijiet kollha jingħataw l-opportunita' li jressqu l-provi tagħhom fil-mertu. Il-Qorti qiegħda tqis ukoll li għad hemm pendenti appell quddiem il-Bord tal-Appelli dwar it-Turiżmu u għalhekk aktar u aktar hemm il-ħtieġa li l-mertu tal-kwistjoni jitħalla għal kollox barra minn din id-deċiżjoni preliminari.

L-Artikolu 14 tal-Kap 409 jistipola illi l-Bord imsemmi huwa kompetenti sabiex:

*(a) li jisma' u jiddeċiedi appelli magħmula minn xi persuna li tħoss ruħha aggravata b'deċiżjoni tal-Awtorità li tiċħad milli tagħti jew iġġedded, jew li tirrevoka, jew tissospendi, liċenza; jew li timpani kondizzjonijiet, limitazzjonijiet jew esklużjonijiet f'liċenza; u*

*(b) li jisma' u jiddeċiedi appelli magħmula minn xi persuna li tħoss ruħha aggravata b'deċiżjoni tal-Awtorità fuq kull ħaġa li tirrigwarda il-klassifikazzjoni jew klassifikazzjoni mill-ġdid ta' attivitajiet tat-turiżmu u l-infurzar ta' kontroll:*

*Iżda l-kompetenza tal-Bord tkun limitata li tiżgura li l-politika tal-Gvern u d-disposizzjonijiet ta' dan l-Att jew ta' xi liġi oħra applikabbli jkunu ġew implimentati jew applikati sew u li d-diskrezzjoni vestita fl-Awtorità tkun ġiet użata b'mod raġonevoli.*

L-Iskop tal-legislatur meta kkostitwixxa l-Bord tal-Appell dwar it-Turiżmu kien sabiex jkun hemm entita′ speċifika li tissindika d-deċiżjonijiet **kollha** li jittieħdu mill-Awtorita` intimata. Dan il-Bord jagħti serħan il-moħħ lill-individwi kkonċernati illi jekk kemm il-darba jħossuhom aggravati b′xi deċiżjoni tal-Awtorita` intimata jkollhom il-mezz u l-entita′ li jirrikorru quddiemha sabiex tinvestiga l-aġir lamentat. Il-Qorti tgħid mingħajr eżitazzjoni illi jekk kemm il-darba l-Qorti kellha tagħti deċiżjoni fil-mertu għar-rigward tal-ilment tal-attur, il-Qorti mhux biss tkun qegħda teżawtora lill-Bord imsemmi mill-awtorita′ li ġie vestit biha bil-liġi, iżda tkun ukoll qegħda tagħti lok li jingħataw pronunzjament differenti, jekk mhux ukoll għal kollox kunfliġġenti, dwar l-istess mertu iżda minn awtoritajiet differenti.

Il-Qorti tqis illi l-intavolar tar-rikors t′appell quddiem il-Bord tal-Appell dwar it-Turiżmu huwa sinjal ċar tal-fatt illi l-attur qiegħed jirrikonoxxi l-awtorita` u l-ġurisdizzjoni ta′ dak il-Bord li jissindika d-deċizjonijiet kollha li jittieħdu mill-Awtorita` intimata inkluż ukoll deċiżjonijiet dwar avviżi ta′ nfurzar bħal dak maħruġ fil-konfront tal-attur. L-istess ilment li tressaq permezz ta′ dak l-appell ġie mressaq ukoll quddiem din il-Qorti. Hija l-fehma tal-Qorti li dawn il-proċeduri m′huma xejn għajr tentattiv ieħor sabiex l-attur ikun verament esplora l-possibilitajiet kollha tiegħu. Biss, il-Qorti tqis illi fiċ-ċirkostanzi m′hijiex munita bil-ġurisdizzjoni sabiex tieħu konjizzjoni ta′ dawn il-proċeduri. Il-Qorti hija ben konsapevoli mill-fatt illi permezz tat-talba numru erbgħa l-attur qiegħed jitlob li l-Awtorita` intimata tiġi miżmuma responsabbli għad-danni minnu mġarrba. Żgur illi l-kwistjoni tad-danni tiżboq il-kompetenza illi għandu l-Bord tal-Appelli dwar it-Turiżmu. Madanakollu, il-kwistjoni tad-danni hija konsegwenzjali għal kundanna fil-konfront tal-Awtorita` jekk kemm il-darba jirriżulta li din aġixxiet *ultra vires* il-poteri tagħha. Għalhekk, qabel tiġi mistħarrġa l-kwistjoni tad-danni jeħtieġ tabilħaqq illi tingħata deċiżjoni fir-rigward ta′ jekk l-Avviż ta′ Infurzar tat-23 ta′ Lulju 2019 huwiex wieħed leġittimu jew le. Huwa biss wara li tingħata din id-deċizjoni fil-mertu illi, jekk ikun il-każ, l-attur ikun jista′ mbagħad jirrikorri quddiem il-Qrati sabiex jitlob kumpens għad-danni.

Għaldaqstant, magħmulha dawn il-kunsiderazzjonijiet kollha, il-Qorti sejra tilqa′ t-tieni eċċezzjoni kif sollevata mill-Awtorita′ ta′ Malta dwar it-Turiżmu.

Konsegwentement, il-Qorti sejra tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tal-bqija tat-talbiet u tal-eċċezzjonijet kif dedotti.

**Decide**

Għal dawn il-motivi l-Qorti qiegħda tilqa' t-tieni eċċezzjoni kif dedotta u tiddikjara illi m'għandhiex il-ġurisdizzjoni sabiex tisma' u tiddeċiedi l-kawza fil-mertu u għalhekk sejra tastjeni milli tieħu konjizzjoni ulterjuri tal-bqija tat-talbiet u tal-eċċezzjonijet kif dedotti.

Tordna lir-rikorrenti jħallas l-ispejjeż ta' dawn il-proceduri.

Dr Brigitte Sultana

Maġistrat

Dorianne Cordina

D/Reġistratur